

Brussell, 15 ta' Mejju 2018
(OR. en)

8755/18

AGRI 222
AGRIFIN 42
FIN 375

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 16/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Programmazzjoni tal-Iżvilupp Rurali: jeħtieġ li jkun hemm inqas kumplessità u aktar fokus fuq ir-riżultati" - <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Mejju 2018)</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

Rapport Speċjali Nru 16/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu: "Programmazzjoni tal-Iżvilupp Rurali: jeħtieġ li jkun hemm inqas kumplessità u aktar fokus fuq ir-riżultati"

adottati mill-Kunsill fit-3615-il laqgħa tiegħu li saret fl-14 ta' Mejju 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 16/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu:

"Programmazzjoni tal-Iżvilupp Rurali: jeħtieġ li jkun hemm inqas kumplessità u aktar fokus fuq ir-riżultati"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 16/2017 tal-Qorti, li jevalwa jekk il-qafas strateġiku u legiſlattiv tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għall-perijodu 2014-2020 rriflettix fokus akbar fuq il-prestazzjoni u jekk il-proċess il-ġdid ta' programmazzjoni rriżultax fi Programmi tal-Iżvilupp Rurali (RDPs) ta' kwalità tajba;
- (2) JINNOTA r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti lill-Kummissjoni, li għandhom jitqiesu meta jiġu żviluppati proposti għar-riforma tal-PAK li jmiss, bħal dawk li jirrigwardaw:
 - l-iżgurar ta' konsistenza bejn l-RDPs u programmi oħra mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE);
 - is-simplifikazzjoni tad-dokumenti ta' programmazzjoni u t-tnaqqis tal-ġhadd ta' rekwiżiti;
 - l-użu tal-esperjenza miksuba minn perijodi ta' programmazzjoni preċedenti u li jinsiltu tagħlimiet minnhom;
 - id-definizzjoni aktar preċiża tad-diversi tipi ta' indikaturi, li jagħmlu l-aħjar użu mill-prattiki tajbin stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali kif ukoll il-promozzjoni u l-faċilitazzjoni ta' Prattiki marbuta mal-kejl tal-prestazzjoni żviluppati fil-livell nazzjonali;
 - l-iżgurar tal-approvazzjoni tal-RDPs fil-bidu tal-perijodu ta' programmazzjoni li jmiss;

(3) JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tindirizza wkoll il-preokkupazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri fir-rigward tal-programmazzjoni tal-iżvilupp rurali tal-PAK, li għandha tiġi indirizzata fir-riforma li jmiss tal-PAK, fosthom:

- l-adozzjoni, il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-RDPs, li għandhom jiġu ssimplifikati billi jiġu evitati d-duplikazzjonijiet ma' dokumenti oħra ta' programmazzjoni bħal ftehimiet ta' sħubija attwali u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq l-amministrazzjonijiet u l-bdiewa u benefiċjarji oħra;
- il-proposti leġislattivi dwar il-politika ta' żvilupp rurali wara l-2020 għandhom jitħejjew fil-ħin;
- il-bidu tal-RDPs f'it wara l-approvazzjoni tal-qafas leġislattiv għandu jkun akkumpanjat minn f'it regolamenti ta' implimentazzjoni adatti;
- l-evalwazzjoni għandha ssir abbażi ta' indikaturi u riżultati sempliċi li jistgħu jiġu kkwantifikati u mkejla.
